# 73. Ferdinandu *

Fi Spanja tal-qedem kien hemm darba għoġol
li twieled fil-jum illi ħareġ il-bandu
li kien twieled prinċep mir-Re u r-Reġina,
u l-għoġol għall-Prinċep semmewh Ferdinandu.

U dan Ferdinandu ma kienx iħobb jagħti
bir-ras, u jiġġieled bħal sħabu l-oħrajn,
u jtaqqab il-laħam bi qrunu felħana,
u jogħla u jiġġerra u jitkaxkar fit-tajn.

L-ħħors tiegħu kien jaħrab u jmur taħt ħarruba
li kellha elf misluta sewdiena mdendlin,
u joqgħod jitgħaxxaq bil-fjuri ta' taħtha,
u jogħxa bil-fwieħa ta' fommhom kull ħin.

Sigħat u sigħat kien iqatta' f'dil-qagħda,
għajnejh kbar u suwed imfawra bid-dija
li turi li ġewwa, ġo moħħu, ġo qalbu,
ta' ġmiel mingħajr tmiem kien hemm ħolma mhennija.

Kull tant ommu l-baqra sa ħdejh kienet tasal
u tgħidlu: "X'int tagħmel ġol-fjuri waħdien?
qed timxi fuq l-art, iżda tgħix int fis-sema,
skantat, dejjem toħlom, u dejjem għażżien!"

Ferdinandu kien jidħak u jieqaf mill-ġolma,
u jaqbeż jgħidilha bis-sieq ta' quddiem:
"Ħallini fil-ħolma tal-ġmiel u s-sbuħija,
ħallini ngħix waħdi mal-fjuri fis-sliem."

U sħabu fil-mergħa jiġġieldu u jissieltu,
bi qrunhom jitħarrġu fis-sena tal-ġlied;
ħolmithom, xewqathom li jmorru jiġġieldu
fl-arena quddiem il-kbarat tal-ibliet.

Jum waslu minn Madrid, rekbin ġewwa karru,
b'kappell kbir bi tromba, xi ħames irġiel,
u waqfu biex jagħżlu gendus minn ġol-mergħa
li jgħaxxaq l-arena bis-saħħa u bil-ġmiel.

Il-gniedes ġol-għalqa bdew juru ħilithom
tas-siġar l-izkuk bdew itaqqbu bil-qrun;
lil min sejra tmiss dik ix-xorti sabiħa?
gendus tal-arena min sejjer ikun?

Kif ra lill-irġiel b'dik it-tromba fuq rashom
Fernandu mar skarta għal taħt il-ħarruba,
u poġġa bil-qiegħda fuq xitla bil-fjuri
li fuqha kien hemm naħla kbira mirkuba.

In-naħla niggżitu, Fernand beda joqmos,
u ħanxar tħanxira kien qisha tar-ragħd;
u xejjer tixjira bil-qrunu tal-biża';
kull raġel ta' Madrid bih baqa' skantat.

Fernandu kien kiber u sar gendus qawwi
ma kienx hemm min jiżbqu fost sħabu l-barrin;
il-għażla magħmula, x'kien hemm fiex titfixkel?
Fernandu ġo karru kaxkruh dak il-ħin.

Sab ruħu ġo Madrid fin-nofs tal-arena,
xi ġmiel ta' arena, xi ġmiel ta' tfajliet!
dak xagħarhom imdieheb imżejjen bil-fjuri,
f'dak wiċċhom ħamrani xi ġmiel ta' wardiet!

Imsaħħar Fernandu fuq denbu dlonk poġġa,
u firex saqajh warranin twal fuq l-art,
u dendel saqajh ta' quddiem twal fuq sidru,
u qrunu bħall-qamar li jkun fl-ewwel kwart.

U beda jitgħaxxaq bil-fjur tal-muċaċas,
għajnejh kbar u suwed imtlew kollhom dija
li turi li ġewwa, ġo qalbu, ġo moħħu,
ta' ġmiel mingħajr tmiem kien hemm ħolma mhennija.

U ġie l-banderillo bil-labar iniggżu,
u ġie l-picador qagħad itaqqbu bil-vleġġa,
u ġie l-matador bil-bandiera ħamrana
jitkessaħ, jiżżegleg għall-ġlied kollu ħeġġa.

Kien kollu ta' xejn, għax Fernand baqa' mgħaxxaq
fin-nofs tal-arena bil-ħlewwa tal-fjur
ta' ras il-muċaċas; kulħadd minn l-arena
mingħajr ma ra xejn kellu jitlaq u jmur.

U l-għada Fernandu kien taħt il-ħarruba
li kellha elf misluta sewdiena mdendlin;
waħdien kien jitgħaxxaq bil-fjuri ta' taħtha,
u jogħxa bil-fwieħa ta' fommhom kull ħin.

** L-istorja hija meħuda minn cartoon tal-'Illustrated London News' tal-1950*